PROTOKOLL

għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

MALTA,

IR-RENJU TAL-PAJJIŻI L-BAXXI,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

Partijiet kontraenti għat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Istati Membri", u

L-UNJONI EWROPEA u L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni Ewropea",

minn naħa, u

R-REPUBBLIKA TAL-ALBANIJA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Albanija",

min-naħa l-oħra,

WARA LI KKUNSIDRAW l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Kroazja") mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-FSA") ġie ffirmat fil-Lussemburgu fit-12 ta' Ġunju 2006 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2009.

(2) It-Trattat dwar l-Adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "it-Trattat tal-Adeżjoni") ġie ffirmat fi Brussell fid-9 ta' Diċembru 2011.

(3) Il-Kroazja ssieħbet mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013.

(4) Skont l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja, l-adeżjoni tal-Kroazja mal-FSA għandha tiġi mifthiema permezz tal-konklużjoni ta' protokoll għall-FSA.

(5) Saru konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 36(3) tal-FSA sabiex jiġi żgurat li jitqiesu l-interessi reċiproċi tal-Unjoni Ewropea u tal-Albanija msemmija f'dak il-Ftehim,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

TAQSIMA I

Il-partijiet kontraenti

Artikolu 1

Il-Kroazja hija Parti fil-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra, iffirmat fil-Lussemburgu fit-12 ta' Ġunju 2006 (minn issa l-'FSA') u rispettivament, bl-istess mod bħall-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni Ewropea, tadotta u tieħu nota tat-testi tal-FSA, kif ukoll tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti u d-Dikjarazzjonijiet Unilaterali meħmuża mal-Att Finali ffirmat fl-istess data.

AĠĠUSTAMENTI FIT-TEST TAL-FSA INKLUŻI L-ANNESSI U L-PROTOKOLLI TIEGĦU

TAQSIMA II

Prodotti agrikoli

Artikolu 2

Prodotti Agrikoli *sensu stricto*

L-Anness II(c) tal-FSA jiġi sostitwit bit-test li jidher fl-Anness I ta' dan il-Protokoll.

TAQSIMA III

Regoli tal-oriġini

Artikolu 3

L-Anness IV tal-Protokoll 4 għall-FSA jiġi sostitwit bit-test li jidher fl-Anness II ta' dan il-Protokoll.

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI

TAQSIMA IV

Artikolu 4

WTO

L-Albanija timpenja ruħha li la jkollha pretensjonijiet, la tagħmel talbiet jew referenzi u lanqas tibdel jew tirtira konċessjonijiet skont il-GATT 1994 l-Artikoli XXIV.6 u XXVIII b'rabta ma' dan it-tkabbir tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 5

Prova tal-oriġini u kooperazzjoni amministrattiva

1. Bla ħsara għall-applikazzjoni ta' kwalunkwe miżura li tirriżulta mill-politika kummerċjali komuni, tiġi aċċettata fil-pajjiżi rispettivi prova tal-oriġini maħruġa kif suppost mill-Albanija jew mill-Kroazja jew li ġiet kompilata fil-qafas ta' ftehim preferenzjali applikat bejniethom sakemm:

(a) il-ksib ta' din l-oriġini jagħti trattament b'tariffi preferenzjali abbażi tal-miżuri tat-tariffi preferenzjali fil-FSA;

(b) il-prova tal-oriġini u d-dokumenti tat-trasport inħarġu jew ġew kompilati mhux aktar tard mill-jum ta' qabel id-data tal-adeżjoni;

(c) il-prova tal-oriġini tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet doganali f'perjodu ta' erba' xhur mid-data tal-adeżjoni.

Meta l-oġġetti jiġu ddikjarati għall-importazzjoni fl-Albanija jew fil-Kroazja, qabel id-data tal-adeżjoni, il-prova tal-oriġini li nħarġet jew ġiet kompilata permezz ta' ftehim preferenzjali tista' wkoll tiġi aċċettata b'kundizzjoni li t-tali prova tkun ippreżentata lill-awtoritajiet doganali fi żmien erba' xhur mid-data tal-adeżjoni

2. L-Albanija u l-Kroazja huma awtorizzati li jżommu l-awtorizzazzjonijiet li bihom ingħata l-istatus ta' "esportaturi approvati" fil-qafas ta' ftehim preferenzjali applikat bejniethom sakemm:

(a) it-tali dispożizzjoni tiġi prevista wkoll fil-FSA konklużż qabel id-data tal-adeżjoni tal-Kroazja bejn l-Albanija u l-Unjoni Ewropea; u

(b) l-esportaturi approvati japplikaw ir-regoli tal-oriġini fis-seħħ skont dak il-ftehim.

(c) Dawn l-awtorizzazzjonijiet jinbidlu, sa mhux aktar tard minn sena wara d-data tal-adeżjoni tal-Kroazja, b'awtorizzazzjonijiet ġodda maħruġa skont il-kundizzjonijiet tal-FSA.

3. It-talbiet għall-verifika sussegwenti tal-prova tal-oriġini maħruġa skont il-ftehim preferenzjali msemmi fil-paragrafu 1 jiġu aċċettati mill-awtoritajiet doganali kompetenti tal-Albanija jew tal-Kroazja għal perjodu ta' tliet snin wara li tkun inħarġet il-prova tal-oriġini kkonċernata u jistgħu jsiru minn dawk l-awtoritajiet għal perjodu ta' tliet snin wara l-aċċettazzjoni tal-prova tal-oriġini ppreżentata lil dawk l-awtoritajiet bħala appoġġ għal dikjarazzjoni ta' importazzjoni.

Artikolu 6

Oġġetti fi tranżitu

1. Id-dispożizzjonijiet tal-FSA jistgħu jiġu applikati għall-oġġetti esportati mill-Albanija għall-Kroazja jew mill-Kroazja għall-Albanija, li jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 4 għall-FSA u li fid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja jkunu jew *en route* jew maħżuna temporanjament f'maħżen doganali jew f'żona ħielsa fl-Albanija jew fil-Kroazja.

2. F'każijiet bħal dawn jista' jingħata trattament preferenzjali, soġġett għas-sottomissjoni lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li qed jimporta, fi żmien erba' xhur mid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja, ta' prova tal-oriġini maħruġa retrospettivament mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li qed jesporta.

Artikolu 7

Kwoti fl-2013

Għas-sena 2013, il-volumi tal-kwoti tariffarji ġodda u ż-żidiet fil-volumi tal-kwoti tariffarji eżistenti jiġu kkalkulati bħala pro rata tal-volumi bażiċi, billi titqies il-parti tal-perjodu li għaddiet qabel l-1 ta' Lulju 2013.

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

TAQSIMA V

Artikolu 8

Dan il-Protokoll u l-Annessi tiegħu għandhom ikunu parti integrali mill-FSA.

Artikolu 9

1. Dan il-Protokoll għandu jiġi approvat mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u mir-Repubblika tal-Albanija skont il-proċeduri tagħhom stess.

2. Il-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin bit-twettiq tal-proċeduri korrispondenti msemmija fil-paragrafu 1. L-istrumenti tal-approvazzjoni jiġu ddepożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 10

1. Dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara d-data tad-depożitu tal-aħħar strument tal-approvazzjoni.

2. Jekk sal-1 ta' Lulju 2013 ma jkunux ġew iddepożitati l-istrumenti kollha tal-approvazzjoni ta' dan il-Protokoll, dan tal-aħħar japplika b'mod proviżorju b'effett mill-1 ta' Lulju 2013.

Artikolu 11

Dan il-Protokoll huwa mħejji f'żewġ kopji fil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taljana, Ungeriża u Albaniża, b'kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

Artikolu 12

It-test tal-FSA, inklużi l-Annessi u l-Protokolli li huma parti integrali minnu, kif ukoll l-Att Finali flimkien mad-dikjarazzjonijiet annessi miegħu jitħejjew bil-lingwa Kroata, u dawk it-testi jkunu awtentiċi bl-istess mod bħat-testi oriġinali. Il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni japprova dawn it-testi.

Съставено в Брюксел на двадесети февруари две хиляди и четиринадесета година.
Hecho en Bruselas, el veinte de febrero de dos mil catorce.
V Bruselu dne dvacátého února dva tisíce čtrnáct.
Udfærdiget i Bruxelles den tyvende februar to tusind og fjorten.
Geschehen zu Brüssel am zwanzigsten Februar zweitausendvierzehn.
Kahe tuhande neljateistkümnenda aasta veebruarikuu kahekümnendal päeval Brüsselis.
Έγινε στις Βρυξέλλες, στις εἰκοσι Φεβρουαρίου δύο χιλιάδες δεκατέσσερα.
Done at Brussels on the twentieth day of February in the year two thousand and fourteen.
Fait à Bruxelles, le vingt février deux mille quatorze.
Arna dhéanamh sa Bhruiséil, an fichiú lá de Feabhra an bhliain dhá mhíle agus a ceathair déag.
Sastavljeno u Bruxellesu dvadesetog veljače dvije tisuće četrnaeste.
Fatto a Bruxelles, addì venti febbraio duemilaquattordici.
Briselē, divi tūkstoši četrpadsmitā gada divdesmitajā februārī.
Priimta du tūkstančiai keturioliktų metų vasario dvidešimtą dieną Briuselyje.
Kelt Brüsszelben, a kétezer-tizennegyedik év február havának huszadik napján.
Magħmul fi Brussell, fl-għoxrin jum ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax.
Gedaan te Brussel, de twintigste februari tweeduizend veertien.
Sporządzono w Brukseli dnia dwudziestego lutego roku dwa tysiące czternastego.
Feito em Bruxelas, em vinte de fevereiro de dois mil e catorze.
Întocmit la Bruxelles la douăzeci februarie două mii paisprezece.
V Bruseli dvadsiateho februára dvetisícštrnásť.
V Bruslju, dne dvajsetega februarja leta dva tisoč štirinajst.
Tehty Brysselissä kahdentenakymmenentenä päivänä helmikuuta vuonna kaksituhattaneljätoista.
Som skedde i Bryssel den tjugonde februari tjugohundrafjorton.
Bërë në Bruksel, më njëzet shkurt dymijë e katërmbëdhjetë

За държавите-членки
Por los Estados miembros
Za členské státy
For medlemsstaterne
Für die Mitgliedstaaten
Liikmesriikide nimel
Για τα κράτη μέλη
For the Member States
Pour les États membres
Za države članice
Per gli Stati membri
Dalībvalstu vārdā
Valstybių narių vardu
A tagállamok részéről
Għall-Istati Membri
Voor de lidstaten
W imieniu państw Członkowskich
Pelos Estados-Membros
Pentru statele membre
Za členské štáty
Za države članice
Jäsenvaltioiden puolesta
För medlemsstaterna
Për Vendet Anëtare



За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen
Për Bashkimin Europian



За Република Албания
Por la República de Albania
Za Albánskou republiku
På Republikken Albaniens vegne
Für die Republik Albanien
Albaania Vabariigi nimel
Για τη Δημοκρατία της Αλβανίας
For the Republic of Albania
Pour la République d'Albanie
Za Republiku Albaniju
Per la Repubblica di Albania
Albānijas Republikas vārdā
Albanijos Respublikos vardu
az Albán Köztársaság részéről
Għar-Repubblika ta' l-Albanija
Voor de Republiek Albanië
W imieniu Republiki Albanii
Pela República da Albânia
Pentru Republica Albania
Za Albánsku republiku
Za Republiko Albanijo
Albanian tasavallan puolesta
För Republiken Albanien
Për Republikën e Shqipërosë



ANNESS I

"ANNESS II(c)

Konċessjonijiet tariffarji Albaniżi għall-prodotti primarji tal-agrikoltura li joriġinaw fil-Komunità

(li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 27(3)(c))

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Kwota Annwali (f'tunnellati)	Rata ta' dazju ġewwa l-kwota
0401 10 10	ĦALIB U KREMA B'KONTENUT TA' XAĦAM BIL-PIŻ TA' <= 1 %, F'PAKKI DIRETTI TA' <= 2 L, MHUX KONĊENTRATI U MINGĦAJR IŻ-ŻIEDA TA' ZOKKOR JEW TA' XI MATERJAL IEĦOR BIEX JAGĦMEL ĦELU	790	0 %
0401 20 11	ĦALIB U KREMA B'KONTENUT TA' XAĦAM BIL-PIŻ TA' <= 3 % IŻDA > 1 %, F'PAKKI DIRETTI TA' <= 2 L, MHUX KONĊENTRATI U MINGĦAJR IŻ-ŻIEDA TA' ZOKKOR JEW TA' XI MATERJAL IEĦOR BIEX JAGĦMEL ĦELU		
0401 20 91	ĦALIB U KREMA B'KONTENUT TA' XAĦAM BIL-PIŻ TA' > 3 % IŻDA <= 6 %, F'PAKKI DIRETTI TA' <= 2 L, MHUX KONĊENTRATI U MINGĦAJR IŻ-ŻIEDA TA' ZOKKOR JEW TA' XI MATERJAL IEĦOR BIEX JAGĦMEL ĦELU		
1001 91 20 (li qabel kien 1001 90 91)	QAMĦ KOMUNI U ŻERRIEGĦA TAL-MESLIN	42 000	0 %
1001 99 00 (li qabel kien 1001 90 99)	SPELT, QAMĦ KOMUNI U MESLIN (ESKLUŻI Ż-ŻERRIEGĦA)		
1005 90 00	QAMĦIRRUM (ESKLUŻA Ż-ŻERRIEGĦA)	10 000	0 %"

ANNESS II

"ANNESS IV

Test tad-dikjarazzjoni tal-fattura

Id-dikjarazzjoni tal-fattura, li t-test tagħha huwa mogħti hawn taħt, trid issir skont in-noti ta' qiegħ il-paġna. Madankollu, in-noti ta' qiegħ il-paġna ma għandhomx għalfejn ikunu riprodotti.

Verżjoni bil-Bulgaru

Износителят на продуктите, обхванати от този документ (митническо разрешение № … ([1])) декларира, че освен където ясно е отбелязано друго, тези продукти са с … ([2]) преференциален произход.

Verżjoni bl-Ispanjol

El exportador de los productos incluidos en el presente documento (autorización aduanera nº … ([1])) declara que, salvo indicación en sentido contrario, estos productos gozan de un origen preferencial … ([2]).

Verżjoni biċ-Ċek

Vývozce výrobků uvedených v tomto dokumentu (číslo povolení … ([1])) prohlašuje, že kromě zřetelně označených mají tyto výrobky preferenční původ v … ([2]).

Verżjoni bid-Daniż

Eksportøren af varer, der er omfattet af nærværende dokument, (toldmyndighedernes tilladelse nr. … ([1])), erklærer, at varerne, medmindre andet tydeligt er angivet, har præferenceoprindelse i … ([2]).

Verżjoni bil-Ġermaniż

Der Ausführer (Ermächtigter Ausführer; Bewilligungs-Nr. … ([1])) der Waren, auf die sich dieses Handelspapier bezieht, erklärt, dass diese Waren, soweit nicht anderes angegeben, präferenzbegünstigte … ([2]) Ursprungswaren sind.

Verżjoni bl-Estonjan

Käesoleva dokumendiga hõlmatud toodete eksportija (tolli kinnitus nr. … ([1])) deklareerib, et need tooted on … ([2]) sooduspäritoluga, välja arvatud juhul, kui on selgelt näidetud teisiti.

Verżjoni bil-Grieg

Ο εξαγωγέας των προϊόντων που καλύπτονται από το παρόν έγγραφο (άδεια τελωνείου υπ'αριθ. … ([1])) δηλώνει ότι, εκτός εάν δηλώνεται σαφώς άλλως, τα προϊόντα αυτά είναι προτιμησιακής καταγωγής … ([2]).

Verżjoni bl-Ingliż

The exporter of the products covered by this document (customs authorization No … ([1])) declares that, except where otherwise clearly indicated, these products are of … ([2]) preferential origin.

Verżjoni bil-Franċiż

L'exportateur des produits couverts par le présent document (autorisation douanière nº … ([1])) déclare que, sauf indication claire du contraire, ces produits ont l'origine préférentielle … ([2]).

Verżjoni bil-Kroat

Izvoznik proizvoda obuhvaćenih ovom ispravom (carinsko ovlaštenje br. … ([1])) izjavljuje da su, osim ako je drukčije izričito navedeno, ovi proizvodi … ([2]) preferencijalnog podrijetla.

Verżjoni bit-Taljan

L'esportatore delle merci contemplate nel presente documento (autorizzazione doganale n. … ([1])) dichiara che, salvo indicazione contraria, le merci sono di origine preferenziale … ([2]).

Verżjoni bil-Latvjan

To produktu eksportētājs, kuri ietverti šajā dokumentā (muitas atļauja Nr. … ([1])), deklarē, ka, izņemot tur, kur ir citādi skaidri noteikts, šiem produktiem ir preferenciāla izcelsme … ([2]).

Verżjoni bil-Litwan

Šiame dokumente išvardytų produktu eksportuotojas (muitinės liudijimo Nr. … ([1])) deklaruoja, kad, jeigu kitaip nenurodyta, tai yra … ([2]) preferencinės kilmės produktai.

Verżjoni bl-Ungeriż

A jelen okmányban szereplő áruk exportőre (vámfelhatalmazási szám: … ([1])) kijelentem, hogy eltérő egyértelmű jelzés hiányában az áruk preferenciális … ([2]) származásúak.

Verżjoni bil-Malti

L-esportatur tal-prodotti koperti b'dan id-dokument (awtorizzazzjoni tad-dwana nru. … ([1])) jiddikjara li, ħlief fejn indikat b'mod ċar li mhux hekk, dawn il-prodotti huma ta' oriġini preferenzjali … ([2]).

Verżjoni bl-Olandiż

De exporteur van de goederen waarop dit document van toepassing is (douanevergunning nr. … ([1])), verklaart dat, behoudens uitdrukkelijke andersluidende vermelding, deze goederen van preferentiële … oorsprong zijn ([2]).

Verżjoni bil-Pollakk

Eksporter produktów objętych tym dokumentem (upoważnienie władz celnych nr … ([1])) deklaruje, że z wyjątkiem gdzie jest to wyraźnie określone, produkty te mają … ([2]) preferencyjne pochodzenie.

Verżjoni bil-Portugiż

O abaixo-assinado, exportador dos produtos abrangidos pelo presente documento (autorização aduaneira n.º … ([1])), declara que, salvo indicação expressa em contrário, estes produtos são de origem preferencial … ([2]).

Verżjoni bir-Rumen

Exportatorul produselor ce fac obiectul acestui document (autorizația vamală nr. … ([1])) declară că, exceptând cazul în care în mod expres este indicat altfel, aceste produse sunt de origine preferențială … ([2]).

Verżjoni bis-Slovakk

Vývozca výrobkov uvedených v tomto dokumente (číslo povolenia … ([1])) vyhlasuje, že okrem zreteľne označených, majú tieto výrobky preferenčný pôvod v … ([2]).

Verżjoni bis-Sloven

Izvoznik blaga, zajetega s tem dokumentom (pooblastilo carinskih organov št. … ([1])) izjavlja, da, razen če ni drugače jasno navedeno, ima to blago preferencialno … ([2]) poreklo.

Verżjoni bil-Finlandiż

Tässä asiakirjassa mainittujen tuotteiden viejä (tullin lupa n:o … ([1])) ilmoittaa, että nämä tuotteet ovat, ellei toisin ole selvästi merkitty, etuuskohteluun oikeutettuja … alkuperätuotteita ([2]).

Verżjoni bl-Isvediż

Exportören av de varor som omfattas av detta dokument (tullmyndighetens tillstånd nr. … ([1])) försäkrar att dessa varor, om inte annat tydligt markerats, har förmånsberättigande … ursprung ([2]).

Verżjoni bl-Albaniż

Eksportuesi i produkteve të përfshira në këtë dokument (autorizim doganor Nr. … ([1])) deklaron që, përveç rasteve kur tregohet qartësisht ndryshe, këto produkte janë me origjinë preferenciale … ([2]).

…… ([3])

(Post u data)

…… ([4])

(Firma tal-esportatur. (Barra minn dan, l-isem tal-persuna li ttiffirma d-dikjarazzjoni jrid ikun indikat b'kitba ċara.)"

([1]) Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura ssir minn esportatur approvat, in-numru ta' awtorizzazzjoni tal-esportatur approvat irid jitniżżel f'dan l-ispazju. Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura ma ssirx minn esportatur approvat, il-kliem fil-parenteżi jitħalla barra jew l-ispazju jitħalla vojt.

([2]) Għandha tiġi indikata l-oriġini tal-prodotti. Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura tirrigwarda, kompletement jew parzjalment, prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla, l-esportatur irid jindikahom b'mod ċar fid-dokument li fih issir id-dikjarazzjoni permezz tas-simbolu 'CM'.

([3]) Dawn l-indikazzjonijiet jistgħu jitħallew barra jekk l-informazzjoni tkun inkluża fid-dokument innifsu.

([4]) F'każijiet fejn l-esportatur ma għandux għalfejn jiffirma, l-eżenzjoni mill-firma timplika wkoll eżenzjoni mill-isem tal-firmatarju.